MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 1279/2004

**Ballut Blocks Services Limited (C8360)**

**Vs**

**Hector Carter**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ Lm800 (tmien mitt lira Maltin) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ materjal tal-bini mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta’ attrici lill-konvenut.

Il-konvenut baqa’ nadempjenti minkejja diversi nterpellazzjonijiet ghall-hlas.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-Ittra Ufficjali datata 16 ta’ Mejju, 2003 u tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ l-Avviz tat-talba, u bl-imghax legali

dekoribbli mill-25 t'Awissu, 2003 sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lil Dr Massimo Vella jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------